MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru 549/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Mohamed Farhat O.Alahjal**

**Kumpilazzjoni Nru: 549/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohamed Farhat O.Alahjal, iben Omar u Mufifa nee' Sagr Alahjid, imwieled fl-14 ta' Dicembru, 1995 u residenti l-Imsida u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 116517(M).

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Gunju, 2014 bejn is-saghtejn u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:00am - 02:30am) gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Samsung liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa.

Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-ufficjali prosekutur fis-sens li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali netta ta'l-imputat kif ukoll il-fatt li l-oggett misruq gie ritornat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 ta'l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------